MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Rikors Numru. 274/2013

**General Shipping Services Ltd socjeta` registrata gewwa l-Marshall Islands rapprezentata lokalment mill-mandatarju specjali taghhom Av. Dott. John Bugeja (K.I. Numru : 452783M)**

***kontra***

**Il-bastiment MV EMMA SOPHIE b`IMO Nru. 9086320 (ex-'Sophie Bolten' u ex-'Clipper Lis')**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat mill-Av. Dr. John Bugeja noe fil-<u>21 ta` Marzu 2013</u> li jaqra hekk –

*Illi fir-Registru ta` din il-Qorti giet iddepozitata s-somma ta` miljun, disa` mija u wiehed u disghin elf, erba` mija wiehed u ghoxrin Euro u sebgha u hamsin centezmu (Eur 1,991,421.57) permezz ta` cedola pprezentata minn Dr. George Said nomine fl-20 ta` Marzu 2013 fl-ismijiet Dr. Ann Fenech nomine vs. M.V. EMMA SOPHIE u li ggib in-numru 404/2013.*

*Illi r-rikorrent bhala kreditur tal-imsemmi M.T. EMMA SOPHIE jippretendi parti minn dik is-somma, izda ma jistax johodha ghaliex hemm ohrajn li jippretenduha wkoll (jew jidhrilhom li ghandhom interess fiha) b`mod li hemm issa lok ghall-ftuh ta` konkors fuq dak id-depozitu bejn il-kredituri tal-imsemmi M.V. EMMA SOPHIE.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug ta` avviz dwar dan il-konkors.*

Rat id-digriet taghha tas-26 ta` Marzu 2013 fejn tat provvediment skond l-Art 416 tal-Kap 12.

Rat ir-rikors li Dr Ann Fenech bhala rapprezentant tal-bank esteru Commerzbank Akteingescellscaft ipprezentat fit-12 ta` April 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet illi tkun ammessa sabiex tikkonkorri skond l-Art 416 et seq tal-Kap 12 u li tigi pregradwata a preferenza ta` kull konkorrent iehor ai termini tal-Art 54A tal-Kap 234.

Rat ir-rikors li r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, ipprezenta fit-30 ta` April 2013 fejn talab biex jikkonkorri ma` kull kreditur iehor fil-procedura tal-lum sabiex jissoddisfa l-pretensjonijiet tieghu.

Rat id-dokument li kien ippresentat flimkien mar-rikors tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

Rat ir-rikors li Dr John Bugeja bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera General Shipping Services Ltd registrata fil-Marshall Islands ipprezenta fit-30 ta` April 2013 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talab li fuq l-ammont depozitat ikun ammess jikkonkorri limitatament ghall-ammont ta` €65,569.86 u dan a preferenza tal-bank esteru (Commerzbank Akteingescellscaft) u ta` kull konkorrent iehor.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors ta` Dr Bugeja noe.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta` Mejju 2013 fejn il-Qorti awtorizzat lil Commerzbank Akteingescellscaft rapprezentat minn Dr Ann Fenech, lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali, u lil General Shipping Services Limited rapprezentat minn Dr John Bugeja sabiex jippartecipaw fil-konkors.

Rat in-nota li Dr Ann Fenech noe pprezentat fit-2 ta` Mejju 2013.

Rat ir-rikors tal-istess Dr Ann Fenech noe tal-20 ta` Mejju 2013 fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talbet biex tizbanka l-ammont ta` €1,891,421.57 akkont tal-kreditu ezekuttiv taghha kontra l-bastiment debitur.

Rat in-nota li r-Registratur Qrati Civili u Tribunali pprezenta fl-20 ta` Mejju 2013 fejn iddikjara li kien thallas l-ammont dovut, ghal liema ammont kien ikkonkorra fil-procediment tal-lum, pero` zamm ferm l-ispejjez u drittijiet tieghu f`dan il-procediment.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2013 fejn iddikjarat illi ghall-ammont depozitat, kellhom jikkonkorru l-bank esteru Commerzbank Akteingescellscaft u l-kumpannija estera General Shipping Services Limited.

Rat id-digriet l-iehor li tat fl-istess udjenza fejn hatret lill-Av. Dr. Richard Galea Debono bhala perit legali sabiex wara li jiehu konjizzjoni tal-atti kollha akkwiziti u occorrendo wara li jisma` u jigbor kwalsiasi prova li jkun jidhirlu necessarja jew li jkunu jridu jressqu l-partijiet jirrelata lill-Qorti dwar il-gradwazzjoni tad-dejn skond il-krediti taz-zewg konkorrenti.

Rat l-atti kollha li dahlu fil-process wara dan id-digriet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Lulju 2013.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta` Awissu 2013 fejn, b`riferenza ghar-rikors ta` Dr Ann Fenech noe tal-20 ta` Mejju 2013, awtorizzat lill-istess Dr Ann Fenech noe sabiex tizbanka s-somma ta` €1,891,421.57 mill-ammont depositat ta` €1,991,421.57.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet (inkluz ir-repliki) li kienu skambjati bejn il-kredituri konkorrenti qabel il-perit legali gie biex jestendi r-relazzjoni.

Rat ir-relazzjoni peritali (fol 356 sa fol 399) li kienet prezentata fit-13 ta` Jannar 2014 u mahlufa fl-udjenza tas-17 ta` Frar 2014.

Rat il-verbal tal-udjenza ta` din l-ahhar udjenza fejn id-difensuri tal-kredituri konkorrenti iddikjaraw illi kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghar-rapport pero` xtaqu jaghmlu sottomissjonijiet finali dwar il-kap tal-ispejjez.

Semghet l-ahhar sottomissjonijiet fl-udjenza tas-17 ta` Marzu 2014.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-procediment.

**Ikkunsidrat :**

**II. Il-konkorrenti**

Is-somma ta` €1,991,421.57 kien ir-rikavat ta` l-bejgh bis-subbasta ta` l-bastiment M.V. Emma Sophie li kien id-debitur. L-ammont kien depozitat taht l-awtorita` tal-qorti permezz ta` cedola ta` depozitu Nru 404/2013. Wara li kienet finalizzata l-procedura skond l-Art 416 tal-Kap 12, kienu ammessi jikkonkorru tliet persuni :–

**1) Is-socjeta` estera Commerzbank Akteingescellscaft rapprezentata mill-mandatarja taghha Dr Ann Fenech ;**

**2) Is-socjeta` estera General Shipping Services Limited rapprezentata mill-mandatarju taghha Dr John Bugeja ; u**

**3) Registratur Qrati Civili u Tribunali.**

**Fil-mori ta` dan il-procediment, ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali ma baqax konkorrent billi thallas l-ammont dovut lilu ghalkemm zamm ir-riserva tieghu dwar il-kap tal-ispejjez. B`hekk il-krendituri konkorrenti baqghu l-ewwel tnejn indikati fil-paragrafu ta` qabel dan.**

**Ikkunsidrat :**

## III. Dokumenti esebiti bhala prova tal-krediti

1. **General Shipping Services Limited** ipprezentat Dok A u Dok B. Dawn jidhru li huma *charter parties* li jinvolvu il-bastiment *Emma Sophie*. Kienu esebiti wkoll Dok C u D. Dawn huma rendikonti ta` somom dovuti mill-bastiment lil General Shipping Services Ltd fir-rigward ta` servizzi u fornituri ghall-perijodu 8 ta` Marzu sal-24 ta` Settembru 2012. L-ammont finali li jidher fuq Dok D huwa ghall-ammont ta` $85,738.53.

2. **Commerzbank Akteingescellscaft** ipprezenta dawn id-dokumenti :-

AA1 Debt Accession Agreement :- kopja notarizzata b`apostille, illi biha Orange 10 GmbH & Co KG qeghdin jassumu l-obbigazzjonijiet li kienu jinkombu lill MS Sophie Bolten Shifffahrtgesellschaft mbh & Co. KG u li kienu johorgu minn abstract promissory note assunta minn MS Sophie Bolten Shifffahrtgesellschaft mbh & Co. KG u li in forza taghha gie iskritt mortgage bin-numru 21564 fil-Qorti ta' Hamburg ghas-somma ta` US$33,730,000. Fuq il-bastiment Sophie Bolten (illum Emma Sophie).

AA2 Ittra ufficjali tat-8 ta` Jannar 2013 minn Dr Ann Fenech ghan-nom ta' Commerzbank Aktiengesellschaft illi maghha esibiet seba` dokumenti li ser jigu analizzati, u li biha rrendiet ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42 tal-Kap.234, il-mortgage numru HRB42653 fir-registru ta` Hamburg kif ukoll registrat fir-registru ta` Bremen 4062HRB kontra l-bastiment Emma Sophie, (ex Sophie Bolten) registrat gewwa l-Germanja bl-IMO numru 9086320 b`tunnellagg 16,041, propjeta` ta` Orange 10 GmbH & Co KG.

Id-dokumenti li kienu annessi mal-ittra ufficjali kienu dawn :-

1. prokura specjali a favur tal-Av. Dott Ann Fenech u avukati oharjn fl-ufficcju taghha moghtija minn Commerzbank Aktiengesellschaft sabiex tipprocedi kontra l-bastiment Emma Sophie ghall-ezekuzzjoni tal-mortgage.

2. certifikat notarili li jixhed illi il-Bank Deutsche Schiffsbank Aktiengessellschaft kien gie amalgamat mal-Commerzbank Aktiengesellschaft.

3. kopja ta` memorandum of agreement datat it-2 ta` Jannar 2008 li bih il-kumpannijja MS Sophie Bolten Shifffahrtgesellschaft mbh & Co. KG weghdet li tbiegh il-bastiment MS Sophie Bolten (illum Emma Sophie) lill-Orange 10 GmbH & Co KG versu l-prezz ta` $24,356,257.76.

4. parir legali ta` Watson Farley Williams LLP li jikkonferma illi il-mortgage registrat il-Germanja huwa validament registrat fir-registu ta` hamburg; illi dan l-imsemmi Registru huwa wiehed pubbliku, li l-mortgage tirrizulta minn spezzjoni tar-registru u li din ghandha l-istess status u priorita` li kien igawdi mortgage registrat skond il-ligijiet Maltin.

5. Capital Interim Financing Agreement tat-10 ta` Jannar 2008 illi in forza tieghu Deutsche Schiffsbank Aktiengessellschaft kien ta facilita bankarja lil Orange 10 GmbH & Co KG sabiex din is-socjeta` ikollha fondi biex takkwista il-bastiment Sophie Bolten (illum Emma Sophie)

6. estratt mir-registru navali ta` Hamburg li juri t-trasferiment tal-bastiment Sophie Bolten Lil Orange 10 GmbH & Co KG. Dan jikkontjeni dawn il-punti ta` informazzjoni :

Illi l-bastiment Emma Sophie kien jismu Sophie Bolten u din il-bidla fl-isem kienet saret fit-18 ta` Novembru 2011 ;

Illi l-bandiera Germaniza hija l-underlying registry izda li l-bastiment jista` jtajjar bandiera Liberiana bejn il-perijodu 10 ta` Jannar 2012 sal-9 ta` Jannar 2014 ;

Illi Orange 10 GmbH & Co KG kienet saret is-sid tal-bastiment u kienet xtratu minghand MS Sophie Bolten Shifffahrtgesellschaft mbh & Co. KG ;

Illi Orange 10 GmbH & Co KG kienet dahlet fi stat ta` insolvenza ;

Illi Deutsche Schiffsbank Aktiengessellschaft igawdi mortgage fuq il-bastiment sas-somma ta` tlieta w tletin miljun seba` mija u tletin elf dollaru Amerikan (€33,730,000).

7. kopja tal-General Loan Conditions formanti parti minn minn zewg kuntratti ta` self relatati mal-kaz u jelenka l-events of default, fosthom l-event li id-debitur jghaddi ghal stat ta` insolvenza.

8. kopja ta` ftiehim illi bih is-socjeta` MS Sophie Bolten Shifffahrtgesellschaft mbh & Co. KG kienet obbligat ruhha li taghti mortgage a favur Deutsche Schiffsbank Aktiengessellschaft sas-somma ta` tlieta w tletin miljun seba` mija w tletin elf dollaru Amerikan (€33,730,000).

9. kuntratt ta self bejn Deutsche Schiffsbank Aktiengessellschaft u s-sid tal-bastiment intimat, Orange 10 GmbH & Co KG, li in forza tieghu l-imsemmi bank qed jaghti self lill-Orange ta $24,356,257.76 ghax-xiri tal-bastiment li kellu jissemma u jigu registrat bhala "Sophie Bolten". Il-bank ghamel riferenza ghall-klawzola taht il-parti "Security" li tghid :- *The ship mortgage registered for the benefit of the bank in the Ship Register of the District Court of Hamburg under no. SSr 21564 for the Ship under serial no.1 on account of the abstract promissory note for USD 33,730,000 caused by the instrument of the Notary Dr Werner Vogel dated 14th December 2007 (serial roll no.2454/2007) shall serve as security for all claims of the Bank arising from this loan approval.*

10. ittra minghand Commerzbank indirizzata lil Orange 10 GmbH & Co KG u datata l-15 ta` Novembru 2012 illi biha il-bank qed jirreferi ghal ordni tal-Qorti Distrettwali ta` Hamburg li iddikjarat illi is-socjeta` intimiata giet fi stat ta` insolvenza, u li skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratti ta` self, il-Bank kellu il-jedd jitlob il-hlas lura mmedjat ta` kull somma mahruga minnu. Dan ghalhekk interpella s-socjeta` Orange 10 GmbH & Co KG ghall-hlas tas-somma ta` $18,024,823.83 flimkien mal-ispejjez ammontanti ghal $212,080.96.

**Ikkunsidrat :**

## IV. L-apprezzament peritali

Wara li gharbel il-provi li ressqu l-konkorrenti, u wara li qies is-sottomissjonijiet li ghamlu qabel estenda r-relazzjoni tieghu, il-perit legali ghamel dawn ir-rilievi :-

1. Illi General Shipping Services Limited m`ghandhiex titolu ezekuttiv kontra l-bastiment Emma Sophie.

2. Illi General Shipping Services Limited una volta m`ghandhiex titolu ezekuttiv kontra l-bastiment Emma Sophie, kellha tipprova l-kreditu taghha b`mod effettiv u sodisfacenti.

3. Illi General Shipping Services Limited ma ppruvatx illi hija kreditrici tal-bastiment Emma Sophie, u multo magis allura ma rnexxiliex tipprova li ghandha xi priorita` fuq krediti oharjn.

4. Illi ghalhekk il-kontestazzjoni ta` Commerzbank hija misthoqqa, u kwindi il-pretensjionijet tal-General Shipping Services Limited ghandhom jigu rigettati.

5. Illi apparti d-difett probatorju, ghadu ferm incert dwar kif u l-ghala dan il-konkorrent baqa` jinsisti sal-ahhar illi l-kreditu tieghu igawdi minn xi priorita`. Imkien ma` dan il-konkorrent spjega minn fejn u in forza ta` liema artikolu tal-ligi titnissel din il-priorita`. Ghalhekk anki fl-ipotezi li dan il-konkorrent seta` talvolta ipprova il-kreditu tieghu, dan kien xorta wahda ser jibqa` kreditur semplici, li qed jikkuntrasta kreditur ipotekarju.

6. Ghad-differenza ta` General Shipping, Commerzbank mhux biss gab prova sodisfacjenti sal-grad rikjest mil-ligi illi huwa kreditur tal-bastiment izda anke illi huwa kreditur privileggjat.

**Ikkunsidrat :**

## V. <u>Il-konkluzjonijiet peritali</u>

Il-perit legali jissottometti hekk :-

*Fid-dawl ta' dawn il-provi, l-esponent hu tal-fehma illi il-konkorrent Commerzbank Aktiengesellschaft gab provi sufficjenti w attendibbli kemm tal-kreditu tieghu ta' erbatax il-miljun mitejn u hamsa w tmenin elf tliet mija w tnejn u disghin euro u disgha w hamsin ċenteżmu (€14,285,392.50), kif ukoll wera li*

*dan il-kreditu huwa munit b'ipoteka navali registrata fir-registru navali ta' Hamburg, liema ipoteka hi registrata b'mod li jissoddisfa l-art.49 tal-Kap.234 u li ghalhekk tiswa daqs li kieku kienet ipoteka navali registrata taht il-Ligi Maltija.*

*Ghal motivi hawn fuq imfissra, l-esponent jissottometti ghall-gudizzju finali tal-Onorabbli Qorti illi il-fondi li fadal fic-cedola ta' depozitu numru 404/2013 fl-ismijiet Dr. Ann Fenech nomine vs M.V. Emma Sophie ghandhom jigu zbankati unikament mill-konkorrent Commerzbank Aktiengesellschaft ad eskluzjoni ta' kull konkorrent iehor.*

**Ikkunsidrat :**

**VI. Risultanzi**

**Din il-Qorti ghamlet l-analizi taghha tal-provi kollha li ngabu ghall-gudizzju taghha, u tiddikjara li tikkondividi bis-shih il-fehma tal-perit legali illi kwalsiasi ammont li kien depozitat bic-cedola ta` depozitu nru 404/2013 ghandu jmur kollu kemm hu favur, u allura ghandu jigi zbankat biss, minn Commerzbank Aktiengesellschaft ad eskluzjoni ta` kulhadd inkluz tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali li l-kreditu tieghu kien sodisfatt fil-mori tal-kawza.**

**Ikkunsidrat :**

**VII. Spejjez gudizzjarji**

**Zvelat il-kontenut tar-relazzjoni peritali, iz-zewg konkorrenti rimanenti rrimettew ruhhom ghall-konkluzjonijiet peritali. Dan ifisser li anke General Shipping Services Limited accettat illi kull ammont li kien depozitat bic-cedola ta` depozitu nru 404/2013 kellu jmur biss a favur ta` Commerzbank Aktiengesellschaft, ad eskluzjoni taghha.**

Li jifdal x`jigi deciz huwa l-kap tal-ispejjez.

Il-perit legali ma ghamel l-ebda accenn ghall-kap tal-ispejjez fir-relazzjoni tieghu.

Il-Qorti gharblet ukoll ir-relazzjoni peritali anke ghall-fini tal-accertament tal-kap tal-ispejjez.

**Fuq li qrat, u fuq l-gharbiel li ghamlet, il-Qorti m`ghandhiex l-icken esitazzjoni illi tghid li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment ghandha ggorrhom General Shipping Services Limited wahedha inkluzi l-ispejjez tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali.**

**Il-Qorti trid tghid li kienet General Shipping Services Limited li skattat dan il-procediment bir-rikors taghha tal-21 ta` Marzu 2013. Propju hemm iddikjarat li kienet kreditur tal-bastiment. Ghax tat bidu ghall-procediment, kellhom isiru l-accertamenti kollha tal-kaz. U kwindi kellhom isiru spejjez. Waqt is-smigh tal-kaz, irrizulta bl-aktar**

**<u>mod limpidu</u> li General Shipping Services Limited mhux biss ma gabitx il-prova li kienet kreditur privileggjat izda sahansitra lanqas gabet il-prova li kienet kreditur. Dan huwa konfermat anke mill-posizzjoni li hadet General Shipping Services Limited wara li nhalef ir-rapport peritali. L-assjem ta` dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment ghandha tbatihom General Shipping Services Limited wahedha.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**1) Tiddikjara illi kull ammont ta` flus li fadal depozitat taht l-awtorita` tal-qorti permezz tac-cedola ta` depozitu numru 404/2013 fl-ismijiet `*Dr Ann Fenech noe vs M.V. EMMA SOPHIE*` ghandu jithallas fl-intier tieghu lill-bank esteru Commerzbank Aktiengesellschaft, rapprezentat mill-mandatarja tieghu Dr Ann Fenech.**

**2) Tiddikjara li l-kumpannija estera General Shipping Services Limited rapprezentata mill-mandatarju taghha Dr John Bugeja ma ghandha dritt tippercepixxi xejn mill-ammont li kien depozitat taht l-awtorita` tal-qorti permezz tac-cedola ta` depozitu numru 404/2013 fl-ismijiet `*Dr Ann Fenech noe vs M.V. EMMA SOPHIE*`.**

**3) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-pretensjoni tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali mill-ammont li kien depozitat taht l-awtorita` tal-qorti permezz tac-cedola ta` depozitu numru 404/2013 fl-ismijiet `*Dr Ann Fenech noe vs M.V. EMMA SOPHIE*`.**

**4) Tordna lill-kumpannija estera General Shipping Services Limited rapprezentata mill-mandatarju taghha Dr John Bugeja sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------